# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Gunju, 2001**

**Numru 22**

**Cit. Nru. 697/01 GCD**

**George u Pauline konjugi Cini li jiggestixxu d-ditta "St. George's Brand"**

**Vs**

**M.A. Supermarkets Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-atturi, wara li qalu:

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici ta' l-atturi fl-ammont ta' elf, mija u sitta u sebghin lira Maltija (Lm1,176.00) rapprezentanti somma bilancjali dovuta ghall-merkanzija konsistenti f'affarijiet tal-ikel mibjugha u kkonsenjata mill-atturi lis-socjeta` konvenuta;

Illi s-socjeta` konvenuta ghad li giet interpellata sabiex thallas dan l-ammont baqghet inadempjenti; u

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi a tenur ta' l-artikolu 167 – 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u s-socjeta` konvenuta m'ghandha ebda eccezzjonijiet validi fil-ligi x'taghti ghat-talbiet attrici;

Talbu illi din il-Qorti:

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 – 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta biex thallas lill-atturi s-somma ta' elf, mija u sitta u sebghin lira Maltija (Lm1,176) rapprezentanti ammont dovut lill-istess atturi ghall-merkanzija konsistenti f'affarijiet tal-ikel mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Pauline Cini u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-

kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm